

Brussell, 12 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

10435/26

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0126 (BUD)**

---

---

**FIN 860  
SOC 391**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

|                |  |
|----------------|--|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill   |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill  |
| Nru dok. Cion: | 9735/26  |
| Suġġett:       | Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati fuq inizjattiva tal-Kummissjoni (EGF/2026/000 TA 2026 - Assistenza teknika)<br><i>- Approvazzjoni</i> |

---

1. Fis-26 ta' Mejju 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG), akkumpanjata mill-proposta korrispondenti għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 09/2026<sup>1</sup>.
2. Il-proposta għandha l-għan li timmobilizza EUR 210 000, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, biex ikopri l-assistenza teknika relatata mal-FEG, f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament FEG tat-28 ta' April 2021<sup>2</sup>. L-għan tal-proposta huwa li tintuża l-kontribuzzjoni ta' EUR 210 000 għan-nefqa amministrattiva u teknika.

---

<sup>1</sup> Dokument 9736/26.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/691/oj>).

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Ġunju 2026 u seta' japprovaha.
  4. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jagħti parir lill-Kunsill biex japprova t-test tad-Deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, kif jinsab fid-dokument 10436/26.
-